


# Mar Jistkenn fil-Knisja ta' Ħal Balzan

kitba ta' Eddie Attard

Każ ta' serq minn knisja li kellu konsegwenzi traġiċi, kien dak tan-Naplitan Francesco Marianno, li fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Settembru 1802 kien seraq lampier tal-fidda ta' l-artal maġġur tal-knisja ta' San Publiju tal-Floriana. Il-lampier wara kien instab moħbi qalb il-ġebel fil-foss dak iż-żmien magħruf bħala Ta' Flores (fejn illum hemm Triq Ġilormu Cassar), kien instab b'kumbinazzjoni waqt li xi tfal kienu qegħdin jilagħbu. Meta kienet irrapurtata l-aħbar ta' din is-sejba kien issemma li l-lampier instab fil-foss li fih jilagħbu l-boċċi l-qassisin għax f'dak iż-żmien xi qassisin kienu fil-fatt imorru jilagħbu l-boċċi f'dawk l-inħawi.

## Il-Kundanna tal-Mewt lil Salvu Farrugia

Fiż-żmien li Marianno kien il-ħabs jistenna li jkun ipproċessat kien hemm kundannat għall-mewt Salvu Farrugia ta' 24 sena minn Ħal Balzan magħruf bħala *Ta' l-Isqallija*. Farrugia kien instab ħati tal-qtil ta' Mikiel Attard li seħħ f'Birkirkara fl-20 ta' Mejju 1802.



*L-immunità Ekkleżjastika l-irħama li twaħħlet mal-knisja l-qadima tal-Lunzjata wara r-restawr.*

Id-delitt kien riżultat ta' tilwima f'ħanut ta' l-inbid u wara li Farrugia ta' daqqa ta' mus lil Attard mar ħa kenn fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan. Imma għalkemm dak iż-żmien il-knejjes kienu jgawdu mill-immunità Ekkleżjastika – jiġifieri li persuna li tikkommetti delitt u tmur tieħu kenn fejn ikun hemm is-Sagrament il-pulizija ma setgħetx tidħol jekk mhux bil-permess ta' l-Isqof – din l-immunità ma kinitx tapplika f'każ ta' delitt ta' qtil. Għalhekk Farrugia ġie arrestat u ħaduh il-Qorti tal-Kastellanija fi Strada Merkanti u fl-14 ta' Ottubru 1802 kien ikkundannat għall-mewt fil-Qorti Kapitali ta' l-Imdina.

## Bżonn ta' Bojja

Dak iż-żmien ma kienx hawn bojja u għalhekk saret talba lill-Kaptan Alexander Ball biex wieħed mill-ikkundannati jagħmel dan ix-xogħol. Kellha ssir għażla bejn Francesco Marianno u ċertu Jean Prens priġunier iswed li mhux magħruf għax kien qiegħed il-ħabs. L-għażla waqgħet fuq Marianno u għal dan ix-xogħol l-awtoritajiet offrewlu l-maħfra bil-kundizzjoni li wara l-esekuzzjoni ta' Farrugia jitlaq minn Malta. Marianno aċċetta u fit-18 ta' Ottubru 1802 ħaduh fl-inħawi llum magħrufa bħala Misraħ il-Forok fir-Rabat Malta għax f'dak iż-żmien l-esekuzzjonijiet kienu għadhom isiru fejn kienu bdewhom il-Kavallieri ta' San Ġwann.

## Il-Coup de Grace

L-esekuzzjoni ta' Farrugia kienet l-ewwel u l-unika esekuzzjoni f'dan il-post minn żmien il-ħakma Ingliża u għaliha kienu marru ħafna nies. Kienet ukoll drawwa li wara t-tgħalliq meta l-ġisem mejjet jaqa' fl-abbis ta' taħtu, il-fizzjal militari mill-esekuzzjoni jispara tiri ta' pistola f'ras l-iġġustitjat – tir magħruf bħala l-*Coup de Grace*.

Dan kien isir biex tkun żgurata l-mewt għax id-difna kienet issir minnufih. Imma ġara li l-fizzjal ħareġ il-pistola minn ħżiemu, ħarablu l-grillu, u kien

sparat tir li bih intlaqat il-bojja Marianno, u dan baqa' mejjet fil-post.

Ta' min ifakkar meta seħħet din il-ġrajja l-għajta tan-nies kienet li Alla ma jħallasx bin-nhar ta' Sibt.

## L-Immunità Ekkleżjastika

L-immunità Ekkleżjastika kienet ingħatat b'*moto proprio* maħruġ mill-Papa Piju VI fil-25 ta' Ġunju 1777 fi żmien il-Gran Mastru Emanuel De Rehon. Minħabba din l-immunità l-ebda persuna ma setgħet tidħol fi knisja parrokkjali jew knisja oħra fejn ikun hemm is-Sagrament, biex tarresta persuna avolja din tkun għamlet reat kriminali mingħajr il-permess ta' l-Isqof jew il-Vigarju Ġenerali.

Dawn kellhom jiddeċiedu jekk il-persuna konċernata kellhiex tibqa' tieħu refuġju fil-knisja jew tingħata lill-awtoritajiet. L-Isqof kellu xahar żmien biex jiddeċiedi u kemm-il darba kien jiddeċiedi kontra l-akkużat, dan seta' jappella lill-Kongregazzjoni Mqaddsa f'Ruma. Madankollu f'każijiet gravi, bħall-każijiet kontra l-istat, qtil, rikatt u falliment volontarju, din l-immunità ma kinitx tapplika, l-immunità ekkleżjastika spiċċat fl-10 ta' April 1828 permezz ta' proklama VI li ġġib l-istess data.

**Referenzi:**

Mill-ktieb *Misteri u Delitti*, Mejju 2006.